**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 253 / 13RGM

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fis-26 ta' Novembru 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti konjugi B infirdu minn xulxin permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Rueben Debono fl-erbatax (14) ta' Awwissu 2008;

Illi skont il-klawsola numru erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt, ir-rikorrent kien obbliga ruhu li jissomministra lill-intimata martu retta alimentari, is-somma ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220) kull erbgha gimghat vita durante, liema somma tizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena. Ir-rikorrent kien ta l-kunsens fuq l-att relattiv lill-Employer tieghu sabiex dan il-hlas tal-manteniment jinqata' direttament mill-paga tieghu, u jinbaghat direttament lill-intimata;

Illi minn wara li sari l-kuntratt tas-separazzjoni sallum ic-cirkostanzi tar-rikorrent inbidlu drastikament u l-mard u l-kudizzjoni ta' sahha tieghu ddeterjoraw tant li r-rikorrent ma baqax aktar tajjeb ghax-xoghol u aktar kmieni din is-sena gie medically boarded out mill-Bord Mediku b'effett mit-28 ta' Mejju 2013, u

konsegwenza ta’ dan l-impjieg fiss li kellu mal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma gie terminat b’effett mit-28 ta’ Mejju 2013;

Illi konsegwenza ta’ dan, id-dhul annwu tar-rikorrent naqas drastikament minn dhul baziku ta’ dsatax-il elf erbgha mija u sitta u disghin ewro u tnejn u tmenin centezmi (€19,496.82) fis-sena li kellu mal-Korporazzjoni sa Dicembru 2012 ghal sebat elef u tmien ewro u sitta u hamsin centezmi (€7,008.56) li issa qed jircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali f’pensjoni kontributorja cjoe’ €134.78 fil-gimgha;

Illi meta gie ppublikat l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, ir-rikorrent kellu mezzi u introjtu stabbli u efficjenti, izda kif qed juri minn dak iz-zmien sehhew ragunijiet u cirkostanzi illi fuqhom, l-istess rikorrent ma ghandu ebda kontroll, b’rizultat illi r-rikkorrent ma ghadux aktar f’posizzjoni finanzjarja bizzejjed illi jibqa’ jissomministra l-manteniment kollu hawn fuq imsemmi minghajr ma jipperikola l-ghaxjien tieghu;

Illi jezistu ghalhekk ragunijiet sufficjenti fil-ligi sabiex jigi rivedut u ridott il-manteniment stipulate fil-kuntratt bhala pagabbli ghall-htigijiet tal-intimata, u d-dhul prezenti tar-rikorrent bil-kemm iservi ghal htigijiet personali tieghu u biex jghix hu;

Illi r-rikorrent jinsab debitament awtorizzat illi jipprocedi b’din l-istanza, bis-sahha tad-digriet moghti fl-10 ta’ Settembru 2013, fl-atti tal-Ittra ta’ Medjazzjoni numru 1126/13, kif sussegwentament l-effetti tieghu gew estizi b’digriet iehor tal-istess Qorti hawn anness;

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) Tiddeciedi u tiddikjara illi vverifikaw ruhhom cirkostanzi u ragunijiet illi jaghtu lok ghal revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata ghaliha fis-sens illi r-rikorrent ma ghadux f'pozizzjoni finanzjarja u/jew lanqas ghandu jibqa' obbligat illi jissomministra 1-manteniment fuq imsemmi minhabba c-cirkostanzi u r-ragunijiet hawn premessi ;

(ii) tirrevedi l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata ghall-htigijiet taghha personali billi tillikwida 1-manteniment pagabbli lill-intimata f'somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi u ragunijiet premessi u rilevanti tal-kontendenti, id-dhul attwali tar-rikorrent u dak percepit minnu fid-data tal-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, kif ukoll id-dhul attwali tal-intimata u dak percepit minnha fid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, u liema revizjoni ghandha ssehh b'effett mis-6 ta' Lulju 2013, illi tikkorrispondi mad-data illi fiha d-dhul tar-rikorrent naqas b'mod drastiku jew minn dik id-data ohra illi dina 1-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghalkemm huwa ghadda boarded out, mhux il-kaz li huwa verament ma jiflahx jew ghandu xi mard kroniku li kien jimpedih milli jkompli jahdem mal-Water Services Corporation, izda specifikament biex ma jghaddix lil martu manteniment u dan kif jigi pruvat kemm-il darba zewgha jmexxi bil-kawza;

2. Illi inoltre, l-attur ghandu flus depozitati l-bank u ghandu mezzi biex jghaddilha l-manteniment skont il-kuntratt ta' separazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur xorta qieghed jircievi pensjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u ghaldaqstant xorta ghad hemm mezz adegwat sabiex jibqa jithallas il-manteniment skont il-kuntratt tas-separazzjoni;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet ipprezentata fit-30 ta’ Novembru 2015 li permezz taghha iddikjaraw li hemm qbiel bejniethom li l-quantum ta’ manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta ghandu jigi ridott ghal mija u hamsin ewro (€150) kull xahar. Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-senteza.

Ikkunsidrat;

Tenut kont li fil-mori tal-kawza l-partijiet lahqu l-ftehim fuq imsemmi huwa indikat li tali ftehim jigi inkorporat f’sentenza.

Ghaldaqstant taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li sehhew cirkostanzi li jaghtu lok ghal revizzjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta.

2. Tilqa’t-tieni talba attrici u tirriduci l-quantum tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta ghal mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar.

In vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet il-Qorti tiddikjara illi l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**